MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**NADIA H. VELLA**

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2013

Talba Numru. 20/2013

**Mark Anthony Vella K.I. 460665(M)**
**bħala mandatarju speċjali tas-soċjeta` estera**
**'Fordwise Ltd'**

**vs.**

**Agius & Agius Limited C1205**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tiegħu l-attur nomine talab il-ħlas mingħand is-soċjeta′ konvenuta tas-somma ta' elfejn, tmien mija u tliet Ewro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€2803.97) rappreżentanti prezz ta' konsenja ta' kotba bl-ingrossa skont l-invoice annessa mal-Avviż tat-Talba ikkonsenjata lis-soċjeta` intimata mis-soċjeta` attriċi fuq inkarigu u għall-benefiċċju tas-soċjeta`

intimata stess, liema somma għadha dovuta fl-intier tagħha sal-lum.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm is-soċjeta` konvenuta ġiet debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, u wkoll bl-Avviż ta' Talba li se Terġa Tinstema, hija ma kkontestatx il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma dehret għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie pprezentat mill-attur nomine u l-fatt li s-soċjeta` konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tal-attur nomine tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lis-soċjeta` konvenuta tħallas lill-attur nomine is-somma ta' elfejn, tmien mija u tliet Ewro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€2803.97) bl-imgħax legali dekorribbli mill-20 t'April 2010 li hija d-data tal-fattura relattiva, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjeż huma a kariku tas-soċjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------